**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 1207/01 AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Peter Paul Abela sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Peter Paul Abela**

**Vs**

**Lawrence Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u disgha u hamsin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm459.68), rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident tat-traffiku li sehh fi Triq l-Gheriexem, Rabat, Malta nhar it-22 ta' Ottubru 2000

bejn il-vettura bin-numru DBF 574 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru DAH 937 propjeta ta' l-attur, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fit-22 ta' Ottubru 2000 Kevin Abela kien qieghed isuq il-vettura Hyundai bin-numru DAH 937 fi Triq Gheriexem, Rabat. Fit-triq fejn sehh l-incident il-konvenut ghandu garaxx u ried idahhal il-vettura tieghu gewwa l-garaxx. L-obbligu tal-konvenut kien li jzomm *a proper lookout*, ghall-vetturi gejjin kemm min-naha ta' wara kif ukoll min-naha ta' quddiem. Kellu l-obbligu li jhares sew madwaru u anke jekk ikun hemm bzonn igib l-ghajnuna.

2. It-Tribunal kellu l-oppotunita li jaccedi fuq il-post ta' l-incident u kkonstata li l-vizwali f'dik il-parti tat-triq hija fit-tul.

3. Il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieq huma kontrastanti. Filwaqt li l-konvenut ighid li fil-hin ta' l-incident kien qieghed jirriversja l-vann tieghu ghal gewwa l-garaxx li ghandu f'dik l-istess triq, Kevin Abela xehed: *"din il-vettura qasmitli triqti. Jiena inhsadt; ma kellix cans li nibbrejkja u sehh l-incident"* (xhieda moghtija fis-seduta tal-14 ta' Frar 2002).

4. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, insibu li Kevin Abela qal: *"li kien sejjer lejn Roman Villa fit-triq Ghexierem Rabat. Fil-pront ra vann number DBF 574 li kien wieqaf u rega' lura ghal garaxx u spicca biex habtu flimkien"* (fol. 18). Ghalkemm huwa minnu li l-okkorrenza li ssir mill-pulizija fil-maggoranza ta' kazijiet tinghata hafna piz ghaliex suppost fiha jkun hemm rapportat dak li s-sewwieqa jkunu qalu lill-pulizija *a tempo vergine*, fil-kaz odjern it-Tribunal m'huwiex konvint li s-sewwieq tal-vettura Hyundai qal dak li hemm riportat f'dan id-dokument. It-Tribunal ma jistax ma josservax ukoll li anke l-konvenut ta verzjoni kemm xejn differenti minn dik li nsibu a fol. 18. Filwaqt li fl-okkorrenza jinghad li "*hu* (il-konvenut) *qal li kien wieqaf fit-triq Gherixiem Rabat u* ***kien se jirriversja***", fil-kors tax-xhieda li ta quddiem it-Tribunal qal *"meta sehh l-incident, jiena kont diga' bdejt il-manuvra tar-reverse"*.

5. Wara li qies ix-xhieda moghtija mis-sewwieqa, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatti kif dikjarati fix-xhieda moghtija minn Kevin Abela huma iktar verosimili u li kien il-konvenut li bil-manuvra li ghamel qasam it-trajettorja li kienet ghaddejja minnha l-Hyundai Accent. Fil-kors tax-xhieda tieghu Kevin Abela kien konsistenti u fl-ebda hin ma kkontradica lilu nnifsu. Min-naha l-ohra jrid jissemma li:

- Il-konvenut xehed li qabel ma qasam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq huwa hares lura sabiex jara kienux gejjin vetturi minn fuq ix-xellug tieghu. Mir-ritratti a fol. 24 jirrizulta li dan ma jistax ikun peress li l-vizwali tieghu kienet ostakolata b'kaxxi mghobbija fuq il-vann Isuzu. L-istess jinghad in kwantu qal: *"meta waqaft u qeghdt il-gear fir-reverse jiena harist b'lura biex nara humiex gejjin karrozzi"*. Kieku l-konvenut verament hares lura, ma jistax ikun li ma ra xejn. Fejn sehh l-incident it-triq u l-vizwali hija ghat-tul. Kieku l-konvenut kien qieghed izomm *a proper look out* qabel u waqt li kien qieghed jaghmel il-manuvra, hu seta' jara l-vettura Hyundai gejja minn fuq ix-xellug tieghu minn distanza u kien, allura ikun fid-dover li jaghmel apprezzament tat-trajettorja w l-velocita' ta' din il-karrozza li kellu jaghtiha l-opportunita li tghaddi qabel ma jaqsam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex ikun jista' jirriversja l-vann ghal gewwa l-garaxx.

- L-ewwel ritratt li hemm a fol. 24 juru r-roti ta' quddiem tal-vann Isuzu mdawwrin f'direzzjoni li jeskludu li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qieghed jirriversja. Il-konvenut xehed: *"jiena dawwart ir-roti ghal dik il-posizzjoni, peress illi meta nidhol fil-garaxx tieghi jiena nidhol nigbed lejn ix-xellug peress illi fuq in-naha tal-lemin ghandi l-karrozza l-ohra pparkjata"*(seduta tal-14 ta' Frar 2002). Kieku jirriversja bir-roti mdawwrin f'dik id-direzzjoni, jerga' jispicca mal-gemb tat-triq u mhux gewwa l-garaxx tieghu.

It-Tribunal huwa tal-fehma li s-sewwieq tal-Hyundai kellu dritt jippretendi li l-konvenut ma jiccaqlaqx qabel ma jkun ghadda hu, u dan peress li kien il-konvenut ried jaqsam il-*'flow of traffic'*. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Richared Micallef noe vs Michael Debono** (Citaz. Nru: 691/87JSP) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993: *"ir-responsabbilta ghall-incident tigi determinate qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilta ta' impatt. Dak li jigri f'dak il-mument w aktar w aktar fl-agony of collision, hu generalment irrilevanti ghall-fini tar-responsabbilta".* Il-konvenut kellu obbligu li jesplora t-triq sewwa qabel ma jaqsam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-kawza prossima w immedjata tas-sinistru kien in-nuqqas ta'

*proper lookout* da parti tal-konvenut w l-mod imprudenti w negligenti kif ittraversa l-arterja principali.

6. Il-quantum ta' danni reklamati ma giex kontestat u gew ippruvati. Dwar is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) li s-sid tal-vettura ddikjara li kellu jhallas bhala *excess*, irid jinghad li din m'hijiex inkluza fl-ammont li ntalab fl-avviz tat-talba. F'kaz li t-Tribunal kellu jilqa' t-talba ghall-hlas ta' din is-somma, ikun qieghed jikkundanna lill-konvenut jhallas iktar mill-ammont mitlub. Dan m'huwiex legalment possibbli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' Ottubru 2000 gewwa Triq l-Gheriexem, Rabat bejn il-vettura tal-marka Hyundai (numru DAH 937) u l-vann Isuzu (numru DBF 574).

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u disgha u hamsin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm459.68).

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**